# Li kieku kont…

Li kieku kont għasfur kien ikolli par ġwenħajn kbar bojod karti u b'rix abjad ukoll.

Intir ma' kullimkien, fuq kontinenti u pajjiżi u taħti nara għoljiet, irdumijiet, bajjiet, irħula u bliet u għelieqi mimlija siġar, fjuri frott u ħaxix. Nagħmel il-bejta tiegħi bil-biċċiet taz-zkuk u weraq niexef, u ntir ma' qtajja' ta' għasafar kbar u mlewna. Nagħmel tlielaq magħhom u nidħol f'kompetizzjonijiet. Insomma, qalbi tkun mimlija ferħ, insaffar u ntir fil-għoli. Nibni familja u nieħu ħsieb sewwa taż-żgħar tiegħi. Ma nitlaqhomx minn taħt għajnejja qabel ikunu kapaċi jfendu għal rashom. Ngħin lil ħaddieħor u mmur inpespes fuq il-bjut. Nittanta lil xi qtates li jippruvaw jaqbduni. Nagħmel minn kollox biex ma nispiċċax ikkalzrat f'xi gaġġa, jew agħar minn hekk, maqtul qabel iż-żmien; għalhekk nibża' min-nassaba u mill-kaċċaturi daqs il-bard ta' Jannar. Naqbad id-dud speċjalment meta jkolli ż-żgħar għax għal uliedi jien nagħmel kollox. Għalhekk bil-paċenzja kollha naħdem xi kutri żgħar biz-zkuk u nibni dwal billi nsib xi karta li tirrifletti x-xemx ma' kullimkien. Biex ninħasel immur f'xi nixxiegħa, u nieħu lil uliedi miegħi meta dawn jitfarfru. Wara li ninħaslu ngħaddu siegħa żmien nilagħbu noli.

Dan li ktibt huwa kollu fantasija, imma nista' nimmaġina kif l-għasafar jistgħu jgħixu bħalna l-bnedmin. Ħasra li xi kultant dawn l-għasafar jinqabdu u jinżammu f'xi gaġġa. L-għasfur qiegħed biex itir u jsebbaħ l-ambjent. Kemm hu sabiħ li kieku kont għasfur imqar għal jum wieħed biss!!

(Composition taken from a past MALTESE Junior Lyceum Entrance Examination Paper into Form 1.)